



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2014/0093(CNS)

24.3.2014

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fuq it-taxxa AIEM applikabbli fil-Gżejjer Kanarji
(COM(2014)0171 – C7-0106/2014 – 2014/0093(CNS))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Danuta Maria Hübner

(Proċedura simplifikata – Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fuq it-taxxa AIEM applikabbli fil-Gżejjer Kanarji
(COM(2014)0171 – C7-0106/2014 – 2014/0093(CNS))**

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2014)0171),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għe kkonsultat mill-Kunsill (C7-0106/2014),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2014),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sostanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont in-nota spjegattiva tal-proposta tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/546/KE tal-20 ta' Ġunju 2002, addottata abbażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE (li issa huwa l-Artikolu 349 tat-TFUE), tawtorizza lil Spanja, sat-30 ta' Ġunju 2014, li tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tal-'Arbitrio sobre Importaciones y Entregas de Mercancías en las Islas Canarias' (minn issa 'l quddiem l-'AIEM') fir-rigward ta' għadd ta' prodotti manifatturati lokalment fil-Gżejjer Kanarji, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u ssir tpattija għall-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni minħabba l-iżolazzjoni tal-gżejjer, id-dipendenza mill-materja prima u l-enerġija, l-obbligu li jibnu l-ħażniet, iċ-ċkunija tas-suq lokali u l-livell baxx ta' attività ta' esportazzjoni. Fl-4 ta' Marzu 2013, Spanja talbet lill-Kummissjoni tħejji Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Spanja tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tal-'AIEM' fir-rigward ta' ċerti prodotti manifatturati lokalment fil-Gżejjer Kanarji għall-perjodu 2014-2020, filwaqt li timmodifika l-elenku ta' prodotti u r-rati massimi applikabbli għal uħud minnhom. Abbażi tal-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-karatteristiċi speċjali tal-Gżejjer Kanarji jżommuhom lura milli jiżviluppaw u huma responsabbli għall-ispejjeż addizzjonali li jġarrbu l-operaturi li jinsabu hemmhekk, u li huwa ġustifikat il-fatt li l-eżenzjoni tal-AIEM għal elenku ta' prodotti industrijali manifatturati lokalment tinżamm fis-seħħ, filwaqt li jittieħed kont tal-fatt li din il-miżura hija neċessarja u proporzjonata u ma ddgħajjifx l-integrità u l-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

Fid-dawl tal-fatt li din il-miżura hija maħsuba biex tkompli tistimola l-attività ekonomika u l-kompetittività f'reġjun ultraperiferiku, mingħajr ma tgħawweġ l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-President tipproponi li din il-proposta tiġi adottata mingħajr emenda, skont l-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura.